# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A. (HONS) LL.D. – PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI LL.D.**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 5 ta' Ottubru, 2001**

**Numru 1**

**Citaz. Nru. 396/82 AJM**

**Carmela sive Lina Aquilina**

**vs**

**Francis X. Aquilina**

**Il-Qorti;**

**Is-sentenza appellata**

Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' April 1993 ippronunzjat is-segwenti sentenza f'kawza fejn l-attrici separata b'sentenza minn ma' zewgha qed titlob awment fir-retta alimentari.

> "Il-Qorti;
>
> Rat ic-citazzjoni presentata fit-13 ta' April 1982 li biha l-attrici wara li ppremettiet illi b'sentenza ta' din il-Qorti, fil-kawza fl-istess ismijiet, moghtija fil-21 ta' Dicembru 1978, giet pronunzjata is-separazzjoni personali bi htija tal-konvenut; u billi skond l-istess sentenza il-konvenut gie ordnat ihallas lill-attrici alimenti ta' mitt lira fix-xahar; illi din ir-rata ta' alimenti m'ghadiex adegwata,

stante l-gholi tal-hajja, l-bzonnijiet akbar tal-attrici u fatturi ohra li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza; talbet jghid il-konvenut ghaliex ir-retta alimentarja stabilita mill-imsemmija sentenza m'ghandiex tigi riveduta u ghaliex m'ghandux ikun kkundannat ihallas lill-attrici dik ir-retta hekk riveduta fil-hin u lok li jigu stabiliti minn din il-Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa' ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-attrici.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut presentata fit-28 ta' Mejju 1982 li permezz taghha eccepixxa li l-mezzi tieghu ma jippermettulux li jawmenta r-retta alimentarja lill-attrici, anzi hu sejjer ikollu jaghmel kawza ghar-riduzzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut.

Rat id-digriet taghha tad-19 ta' Jannar 1983 li permezz tieghu tqabbad bhala Perit Legali l-Avukat Dottor Kenneth Gulia sabiex ifittex u jirrelata dwar it-talbiet attrici wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tal-konvenut.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali mahluf fl-udjenza tad-19 ta' Mejju 1989.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-attrici u d-dokumenti kollha ezibiti minnha.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:-

Illi l-kontendenti huma separati b'sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tal-21 ta' Dicembru 1978. In forza ta' l-istess sentenza kienet giet iffissata r-retta alimentarja tal-attrici fis-somma ta' mitt lira fix-xahar (Lm100) u liema ammont ghadu qatt ma gie rivedut. Illum permezz ta' dawn il-proceduri l-attrici qeghdha titlob li din ir-retta alimentarja tigi riveduta stante l-gholi tal-hajja, l-bzonnijiet akbar taghha u fatturi ohra.

Illi l-konvenut eccepixxa li l-mezzi tieghu ma jippermettulux li jawmenta r-retta alimentarja anzi in forza ta' proceduri istitwiti minnu fil-kawza fl-ismijiet inversi li ggib in-numru 678/82, pendenti quddiem din l-istess Qorti u li sejra tigi deciza llum stess, talab li din ir-retta alimentari tigi ridotta b'mod illi tkun aktar

gusta fic-cirkostanzi u konfacjenti mal-mezzi kemm tieghu u kemm ta' l-istess martu.

Illi l-perit legali li kien tqabbad appositament sabiex jezamina t-talbiet reciproci wasal ghal konkluzjoni li kkunsidrat il-htigijiet tal-attrici u fil-kuntest tal-mezzi tal-konvenut, ghandu jkun hemm awment fir-retta alimentarja billi din tizdied bi tletin lira fix-xahar. Il-perit legali ghalhekk issugerixxa li dan l-awment ghandu jiehu effett mill-1 ta' Jannar 1989, billi f'dik is-sena kien hemm caqliq markat fl-gholi tal-hajja u li ghal perjodu precedenti u cioe mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni sal-ahhar tas-sena 1988, din iz-zieda ghandha tkun ta' Lm15 fix-xahar.

Illi t-talba ghall-awment tar-retta alimentarja hija bazata fuq tlett fatturi:-

(a) Zieda fl-gholi tal-hajja.
(b) Bzonnijiet akbar tal-attrici.
(c) Fatturi ohrajn, bhal ma huma r-riduzzjoni fid-dhul personali tal-attrici, u l-entita ta' l-assi tal-konvenut.

Sabiex jigi determinat jekk il-Qorti ghandiex takkorda jew tichad it-talba attrici sejrin jigu ezaminati separatament il-punti fuq imsemmija billi dawn huma kollha fatturi li jistghu jinfluwixxu fuq il-fissazzjoni tal-alimenti dovuti mir-ragel lil martu sabiex dan jzommha skond il-mezzi u l-kondizzjonijiet tieghu tenut kont ukoll tal-bzonnijiet taghha. Konsegwentement l-istess fatturi huma ukoll rilevanti meta tigi ezaminata talba ghall-awment fir-retta alimentarja.

A) <u>Zieda fl-gholi tal-hajja</u>

Ma hemmx dubbju li bejn id-data li gew iffissati l-alimenti u cioe' fl-1978 sal-lum hemm zieda sostanzjali fir-rata tal-inflazzjoni li teffettwa direttament fuq l-gholi tal-hajja.

Illi fis-sena 1978, meta giet pronunzjata s-sentenza tal-21 ta' Dicembru 1978, ir-rata ta' inflazzjoni kienet ta' 316.21. Fuq firxa ta' snin din ir-rata ta' inflazzjoni ghaddiet minn hafna kambjamenti. Kien hemm snin meta telghet drastikament bhal fis-snin bejn id-data tas-sentenza u l-1982, meta gew presentati dawn il-proceduri. F'dak il-perjodu r-rata ta' inflazzjoni telghet ghal 431.83 skond l-avviz legali 16 tal-1983. Wara dik id-data r-rata tal-inflazzjoni bdiet niezla gradwalment sakemm lahqet il-figura ta' 425. 17 fis-sena 1985 u wara regghet bdiet tiela' sakemm fis-sena 1992, skond l-avviz legali 46/92, din ir-rata ta' inflazzjoni lahqet il-figura ta' 475.89.

Illi minn dan kollu jidher li l-gholi tal-hajja, fuq firxa ta' ghaxar snin, cioe mid-data tas-sentenza li ffissat r-retta alimentarja, sas-sena li ghaddiet, zdiedet b'50.5 fil-mija. Ghalhekk a bazi ta' dawn il-figuri biss u sabiex l-attrici terga' titqieghed fl-istess posizzjoni li kienet meta giet iffissata lilha r-retta alimentarja, din ghandha tizdied b'50 fil-mija u ghalhekk titla ghal Lm150 fix-xahar.

Illi t-talba ghall-awment tal-alimenti giet presentata fl-1982 u ma kienx mistenni li din il-kawza kellha tiehu tant zmien biex tigi determinata. Ghalhek fl-opinjoni tal-Qorti, kemm il-darba l-attrici tigi akkordata awment fir-retta alimentarja taghha, ma ghandhiex tigi penalizzata bhala rizultat ta' dan id-dewmien u kwalunkwe awment ghandu jkun effettiv retroattivament, b'dana li, minhabba l-awment gradwali u anke f'okkazzjonalment it-tnaqqis fir-rata ta' inflazzjoni, dan l-awment fir-rata ta' alimenti ghandu jkun skalat.

B) <u>Bzonnijiet akbar tal-attrici</u>

Illi kif jidher mill-atti processwali dawn il-bzonnijiet akbar li l-attrici tghid ghandhom jinfluwixxu fuq ir-retta alimentarja taghha, principalment jikkonsistu fil-bzonn taghha li hija taddendi ghal kura medika gewwa Franza. Dan jinvolviha fi spejjez zejda li, skond l-attrici, ghandhom jkunu riflessi fir-retta alimentarja.

Illi kif gia intqal minn din l-istess Qorti fid-digriet tal-15 ta' Mejju 1992, l-ghazla tal-kura medika li taghmel il-pazjenta ghandha tigi rispettata billi l-element ta' fiducja li dik il-pazjenta jkollha fit-tabib jew sptar minnha maghzul, huwa fattur rilevanti fil-kura ta' dik il-persuna. Ghalhekk il-konvenut ma ghandux jsib tort fl-attrici ghax hi ghazlet li tmur tikkura ruhha fi Franza u jekk il-mezzi tieghu jkunu tali li jippermettu din l-ispiza, il-Qorti tifhem li ghandu jbatihom il-konvenut.

B'dana kollu minn ezami tal-kopja ta' estratt mill-passaport tal-istess konvenuta, ezibit man-nota tat-8 ta' Mejju 1991, jidher li l-attrici ma issifirx biss ghal kura fi Franza izda tonfoq hafna flejjes fis-safar ghal pjacir. Infatti fuq firxa ta sitt snin l-istess attrici sifret tmienja u ghoxrin darba u zaret pajjizi bhal ma huma l-Italja, ir-Renju Unit, Germanja, Spanja, l-Istati Uniti, Bankok, Hong Kong, Singapur, Malasia u l-Kenja. Fil-waqt li f'dan il-perjodu marret biss seba darbiet Franza prezumibilment ghal kura.

Issa jekk l-attrici ghandha l-kapricc tas-safar dan zgur li ma ghandux jbatieh il-konvenut. Ukoll jekk l-istess attrici, fi zmien relattivament qasir ta' sitt snin, setghet tinkorri l-ispejjez involuti

ghas-safar imsemmi u dana mill-introjtu allegatament limitat taghha, mhux verosimili li l-istess attrici ghandha bzonn awment fir-retta alimentarja taghha sabiex tkun tista' tivvjagga lejn Franza ghal kura medika.

C) Fatturi ohrajn

Irrizulta li l-attrici, fiz-zmenijiet meta gew iffissati l-alimenti fuq imsemmija, kellha introjtu personali sostanzjali sew minhabba l-impieg taghha, sew mill-kirjiet tal-appartamenti proprjeta taghha. Matul id-dekors tas-snin kemm ilha sejra din il-kawza, l-attrici sofriet riduzzjoni f'dan l-introitu sew ghax ma ghadhiex impjegata sew minhabba l-fatt li l-appartamenti issa qed jinkrew 'long lets' minflok 'short lets' kif kienu qabel, b'rizultat ta' diminuzzjoni fil-kera.

Illi minn statement Dok CLA3 ezibit man-nota tal-attrici tat-8 ta' Mejju 1991 jidher li ghas-sena 1989 l-istess attrici kellha introjtu nett mill-proprjeta' immobiljari ta' Lm937. Dan l-ammont huwa ferm anqas minn dak li kienet tircevi fiz-zmenijiet ta' meta giet pronunzjata s-sentenza. Illi dan it-tnaqqis l-introjtu tal-attrici zgur li kellu effett negattiv fuq il-livell ta' l-ghixien taghha u ghalhekk ghandu jigi kunsidrat fil-fissazzjoni tar-retta alimentarja.

Illi l-attrici qed tallega li l-konvenut ghandu mezzi sostanzjali li jippermettulu li jhallas retta alimentarja ferm ghola minn dik likwidata bis-sentenza tal-1978.

Illi l-konvenut qed jallega li l-introjtu tieghu naqas u ghalhekk bil-proceduri fl-ismijiet inversi talab riduzzjoni fl-istess alimenti li jhallas lill-martu. Issa ghandu jigi rilevat li l-konvenut huwa negozjant u mir-ricerki dwar l-atti ta proprjeta' li gew ezibiti jidher li ghal diversi snin kien involut fin-negozju ta' proprjeta' immobiljari. Meta gew fissati l-alimenti fl-1978 l-konvenut kien gia fin-negozju u l-posizzjoni tieghu ftit li xejn tbiddlet hlief ghal fatt li hu ma ghadux jippartecipa attivament fid-ditta li ghandu bi shab ma huh. Ghalhekk il-Qorti ma thoss li l-patrimonju tal-konvenut ghandu jinfluwixxi fuq id-decizjoni taghha billi dan kien gja gie kunsidrat minn din l-istess Qorti fl-1978. Se mai, minhabba n-nuqqas ta' partecipazzjoni fl-industrija li ghandu bi shab ma huh l-introjtu tal-konvenut seta' naqas u dan ghandu jirrifletti negattivament fuq it-talba attrici.

Tenut kont ta' dan kollu l-Qorti hi tal-fehma li t-talba attrici ghandha tigi milqugha u r-retta alimentarja mhallsa mill-konvenut ghandha tizdied ghas-somma ta' mija u hamsin lira Maltin (Lm150) fix-xahar, b'dana li ghal perjodu mill-1982 sal-1985 din

ir-retta alimentarja ghandha tibqa' l-istess stante li r-rata tal-inflazzjoni naqset, filwaqt li minn Jannar 1986 sa Dicembru 1990 ir-retta alimentarja ghandha tkun ta' mija u tletin lira (Lm130) fix-xahar u minn Jannar 1991 'il quddiem din ghandha tizdied ghas-somma ta' Lm150 fix-xahar.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-konvenut tilqa' t-talba attrici u tiffissa r-retta alimentarja fis-somma ta' mija u tletin lira Maltin (Lm130) b'effett mill-ewwel ta' Jannar 1986 u fis-somma ta' mija u hamsin lira Maltin (Lm150) b'effett mill-ewwel ta' Jannar 1991.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut."

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

Din il-kawza giet intavolata fit-13 ta' April 1982 u biha l-attrici qed titlob li tigi varjata r-retta alimentari deciza b'gudikat tal-21 ta' Dicembru 1978. Ghandu jigu enfasizzat punt illi ma tantx inghata importanza quddiem l-Ewwel Qorti illi s-separazzjoni personali kienet giet ippronunzjata mill-Qorti minhabba htijiet tal-konvenut f'din il-kawza. Ma kien hemm allura l-ebda kwistjoni illi l-konvenut appellant kien obbligat illi jaghti manteniment lil martu. Obbligu li ma kellux jigi skartat leggerment jew jithalla jintilef taht it-toqol tas-snin li fih dam dan il-process gudizzjarju. Lanqas ghandu jigi skartat il-fatt illi z-zieda fil-manteniment degretata mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata kienet limitata ghal Lm30 fix-xahar wara li kienu ddekorrew oltre tnejn u ghoxrin sena minn mindu kien gie ffissat mill-Ewwel Qorti. Hu notat ukoll illi l-attrici ma appellatx mis-sentenza appellata anke jekk mir-risposta taghha ma dehritx sodisfatta bl-ezitu tal-kawza minnha

proposta. Kull ma kellha tara allura din il-Qorti hu jekk kienx hemm lok ghal revizjoni ta' dak li gie deciz fis-sentenza appellata tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

L-aggravju ta' l-appellant hu principalment fis-sens illi l-Ewwel Qorti ma ghamlitx ezercizzju biex tikkompara l-mezzi ta' l-attrici ma dawk tieghu, imma llimitat ruhha biss biex tikkonstata l-fatt illi kien hemm zieda fl-gholi tal-hajja mill-1978 'il quddiem u konsegwentement kien xieraq li tawmenta l-alimenti skond ir-rata ta' l-inflazzjoni. L-Ewwel Qorti ma haditx nota tal-fatt illi l-mezzi ta' l-attrici appellata kienu ahjar illum (dakinhar tas-sentenza) milli kienu fil-1978 waqt li dawk tal-konvenut appellant kienu aghar u konsegwentement ma kienx hemm lok ghal zieda imma kien hemm raguni ghaliex kellu jkun hemm tnaqqis fir-retta alimentari.

Dan l-aggravju hu manifestament wiehed fattwali. Jikkontesta l-apprezzament li ghamlet l-Ewwel Qorti tal-provi migjuba quddiemha fir-rigward tal-mezzi tal-kontendenti. Provi li fil-verita' jirrizultaw li huma frammentarji, limitati principalment ghax-xhieda tal-kontendenti u ghall-esebizzjoni ta' numru ta' dokumenti illi ftit li xejn setghu jghinu lill-Qorti biex tasal ghal x'kienet rejalment il-posizzjoni finanzjarja tal-kontendenti b'mod partikolari ta' l-appellant. Dan ghaliex id-dokumenti prodotti taht certu aspett kienu jaghtu indikazzjoni illi l-konvenut appellant kien ghal xi zmien f'posizzjoni mill-aktar florida f'negozju qawwi flimkien ma' huh

f'socjeta' limitata u wkoll f'negozju ta' trasferiment ta' beni immobiljari li wiret jew akkwista.

Din il-Qorti wkoll ma tistax tinjora l-fatt li r-retta alimentari originarjament determinata fl-ammont ta' Lm100 fix-xahar mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili kienet ukoll l-frott ta' ezercizzju ta' investigazzjoni minn dik il-Qorti diversament presjeduta u appena erba' snin qabel, fil-process tal-kawza ghal separazzjoni. Process dan li minn natura tieghu, kif hu risaput, itendi biex il-konjugi ipingu stampa mill-aktar negattiva tal-posizzjoni finanzjarja rispettiva taghhom proprju biex jew jakkwistaw iktar jew biex ihallsu anqas. B'danakollu certament dak li ddecidiet il-Qorti fl-1978 u li ghadda in gudikat kellu jittiehed bhala l-punto di partenza ghal kull indagni ulterjuri biex jigi investigat jekk kienux jew le tbiddlu c-cirkostanzi sal-punt illi iwassal ghall-konviciment li kien hemm lok li r-retta alimentari tigi varjata 'il fuq jew 'l isfel. Dan l-ezercizzju, kuntarjament ghal dak li jissottometti l-appellant, l-Ewwel Qorti jidher li ghamlitu Il-motivazzjoni fis-sentenza appellata turi car illi l-materja giet minnha ezaminata u epurata taht diversi aspetti li setghu jincidu fuq it-talba reciproka taz-zewg konjugi biex il-manteniment jigi rivedut. Din il-Qorti tghid reciproka ghaliex ftit xhur wara illi martu pprezentat il-prezenti istanza, il-konvenut zewgha ppropona kawza ohra quddiem il-Prim'Awla ghar-riduzzjoni tar-retta alimentari. Kawza fl-ismijiet inversi illi ggib in-numru Citaz. 678/82 AJM li giet trattata kontestwalment ma' din il-kawza u kontestwalment maghha deciza. Infatti din il-Qorti sejra

llum tikkonsidra u tiddeciedi appell mis-sentenza li tat il-Prim'Awla f'dik it-tieni kawza deciza wkoll fis-26 ta' April 1993, liema tieni kawza giet minn din il-Qorti trattata kontestwalment ma' din.

Din il-Qorti ma tistax taqbel mas-sottomissjoni ta' l-appellant illi l-Ewwel Qorti ma haditx konsiderazzjoni tal-provi fir-rigward tat-tibdil tac-cirkostanzi finanzjarji tal-partijiet kif minnhom allegat u jidher b'dan kollu hi kkunsidratu.  Certament pero' kienet influwenzata mill-fatt illi l-manteniment degretat mill-Ewwel Qorti fl-1978 kien wiehed verament baxx illi certament rebus sic stantibus kien jimmerita li jigi awmentat almenu sal-punt li ddegretat dik is-sentenza ta' Lm130 fix-xahar u illi ma kienet xejn sodisfatta illi l-appellant ipprova sodisfacentement illi kien hemm dak id-divarju li qed jippretendi li hemm bejn il-mezzi tieghu u l-mezzi ta' martu.  Zgur li kienet sodisfatta l-Ewwel Qorti illi l-konvenut appellant ma kellux ikollu diffikolta' illi jipprovdi l-manteniment minimu  li kien qed jigi stabbilit lil martu kif kien obbligat jaghmel waqt li b'danakollu kien ser jibqalghu mezzi adegwati de proprio biex jaghmel tajjeb ghal bzonnijiet tal-manteniment tieghu nnifsu.

Anke f'dan l-istadju ta' appell, il-Qorti ttantat takkwista aktar sostanza u prova ghall-allegazzjonijiet tal-partijiet fir-rigward tal-mezzi taghhom pero' bla wisq success. Dan apparti, il-Qorti kienet konvinta wara ezami tal-processi, li dan kien ser ikun ezercizzju ghal kollox inutili ghaliex il-mertu kien jirrigwarda hlas ta' manteniment li kien f'kull kaz dovut, li

kien jaggira fuq rati minimali, difficilment riducibbli, u li f'kull kaz l-awment suggerit mill-Ewwel Qorti kien wiehed mill-aktar modest. Kien ghalhekk li din il-Qorti tterminat l-indagini li kienet inizjalment bdiet taghmel anke bl-operat ta' periti komputisti nominati u ghaddiet biex tiddelibera s-sentenza fuq l-atti esegwiti.

Din il-Qorti taghmel rikjam hawn ghall-principju ormai ben assodat illi bhala Qorti ta' Revizjoni hi ma kellhiex leggerment tiddisturba l-apprezzament tal-fatti li kienet ghamlet l-Ewwel Qorti. Kellha biss tintervjeni fuq dan l-aspett tal-kawza jekk tkun sodisfatta illi fin-nuqqas tkun ser tigi kawzata l-ingustizzja manifesta. Dan altru li ma jidhirx li hu l-kaz, fil-mertu taht ezami, jekk xejn ghaliex il-valur tal-flus bit-trapass taz-zmien sfuma. F'kull kaz l-attrici kellha tutilizza ferm iktar mid-dhul proprju taghha biex tissupplimenta dak il-ftit illi zewgha kien qieghed jigi kkundannat ihallasha. Aktar ma jghaddu s-snin – u s-snin ghaddew – aktar ma tirrizulta gusta u ekwa s-sentenza appellata.

Din il-Qorti ghalhekk waslet ghall-konvinciment illi ma jidhrilhiex li hemm lok li tvarja dak li ddecidiet l-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi michud, is-sentenza appellata konfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant.

Dep/Reg cb